MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 246/2009/1

**Mario u Jennifer mizzewgin Testa**

**v.**

**Rose Marie Testa**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell maghmul mill-konvenuta minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, laqghet it-talbiet attrici billi kkundannat lill-konvenuta sabiex fi zmien tliet xhur din tizgombra mill-fond numru 4, gja` numru 40, Magazine Street, Floriana u thallih liberu favur l-attur Mario Testa, kif ukoll ordnat li l-konvenuta tikkonsenja lill-attur Mario Testa l-oggetti mobbli li jinsabu fl-imsemmi fond mill-ghatba 'l gewwa, minbarra d-deheb, fided u hagar prezzjuz, kotba tal-Bank u flus kontanti. L-ispejjez inkwantu ghal terz jibqghu a karigu tal-atturi, filwaqt li zewg terzi jkunu a karigu tal-konvenuta.

**Il-Fatti**

**2.** Il-fatti relevanti ghal kaz huma dawn.

**3.** B'testment datat 18 ta' Settembru 1984 Joseph Testa, missier il-kontedenti, halla lill-attur Mario Testa bhala legat l-uzu u l-uzufrutt tal-fond fuq indikat flimkien ma' kull ma jinsab fl-istess fond mill-ghatba 'l gewwa barra d-deheb, fidda, hagar prezzjuz, kotba tal-Bank u flus kontanti, filwaqt li ezentah

milli jaghmel inventarju tal-hwejjeg li jinsabu fl-imsemmi post fil-gurnata tal-mewt tat-testatur.

**4.** Bl-istess testment, Joseph Testa, wara li halla diversi prelegati, istitwixxa bhala eredi universali tieghu in piena u assoluta proprjeta` tal-gid universali tieghu lit-tliet uliedu, u cioe` lill-kontendenti, l-attur u l-konvenuta u lil ohthom Nathalie Camilleri, fi kwoti indaqs u indivizament bejniethom.

**5.** L-imsemmi Joseph Testa miet fit-3 ta’ Jannar 2008.

**6.** Jirrizulta li f’xi zmien qabel il-mewt tat-testatur il-konvenuta kkapparrat l-imsemmi fond fejn kien joqghod missierha, u rrifjutat kemm li tohrog mill-post kif ukoll li tati kopja tac-cwievet tieghu lil attur.

**7.** B’kuntratt ippubblikat fl-10 ta’ Dicembru 2008 Nathalie Camilleri, bhala wahda mill-ko-eredi immettiet lill-attur fil-pussess tal-legat imholli lilu, izda ohtu l-ohra, il-konvenuta irrifjutat li taghmel dan, u, minflok baqghet tghix fil-fond inkwistjoni, b’mod li allura l-attur ghadu ma jistax jiehu pussess tal-fond oggettt tal-legat imholli lilu minn missieru.

<u>**Is-Sentenza Appellata**</u>

**8.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Mill-provi jirrizulta li l-attur ġie ġja' imqiegħed fil-pussess tal-legat imħolli lilu minn missieru kif spjegat fir-rikors promotur. Madankollu il-pussess effettiv għadu f'idejn il-konvenuta li tgħix fil-fond. Da parti tagħha l-konvenuta qalet illi kienet tgħix ma' missierha fil-fond in kwistjoni u anke wara li miet baqgħet tgħix hemm għaliex tgħid li kellha ftehim ma' missierha biex tibqa' tgħix fil-fond, u tgħid ukoll li m'għandhiex fejn toqgħod.
>
> "Jidher għalhekk ċar li l-konvenuta m'għandha ebda titolu validu biex tibqa' tgħix fil-fond in kwistjoni; il-ftehim li seta' kellha ma' missierha ma jiswiex jekk ma sarx bil-kitba għaliex jirrigwardja propjeta' immobbli. Lanqas ma tirriżulta xi lokazzjoni.
>
> "Illi kwindi t-talba attriċi ma ġietx kontradetta u għalhekk tirriżulta, għalkemm ma tressqux provi fuq id-danni li seta' sofra l-attur u għalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti mhux tilqa' t-talbiet tal-attur."

**<u>L-Appell</u>**

**9.** Dan hu msejjes fuq aggravju wiehed, u cioe` li l-konvenuta bhala ko-eredi u kompropretarja ghad ghandha d-dritt li tibqa' tghix fil-fond inkwistjoni abbazi ta' dak li jghid l-Artikolu 491 tal-Kodici Civili. Hija tghid li sal-gurnata tal-prezentata tar-rikors guramentat l-assi ereditarju tal-defunt missierhom

kienu ghadhom ma gewx divizi *in toto*, u kien ghad fadal xi assi li kienu ghadhom qeghdin jinzammu in komproprjeta` bejn l-eredi indivizament. Tispjega li skont il-gurisprudenza, citata minnha, il-kompropretarju jista' jibqa' fit-tgawdija esklussiva tal-haga in komuni almenu sal-qasma, jekk hu jkun fit-tgawdija esklussiva tal-oggett minn qabel ma tinholoq il-komproprjeta`.

**10.** Ghalhekk il-konvenuta qed titob varjazzjoni fis-sentenza appellata fis-sens li din tigi revokata fil-parti fejn laqghet it-talbiet attrici u ordnat l-izgumbrament taghha fi zmien tliet xhur mill-fond fuq indikat, u timmitti lill-attur fil-pussess ta' dan il-fond skont il-legat imholli lilu.

**11.** Min-naha tieghu l-attur afferma li l-konvenuta kienet uzurpat il-pussess ta' dan il-fond meta dahlet fih u eskludiet lil missierha u lil hutha l-ohra milli jidhlu fih tant li b'sentenza[1] moghtija fil-25 ta' April 2006 il-Qorti tal-Magistrat sabet lill-konvenuta hatja ta' *ragion fattasi* u kienet ordnatilha taghti access tal-fond lil missierha u lill-kompropretarji l-ohra. Izda l-konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti u ghadha tokkupa b' mod abbuziv l-istess fond sal-lum.

**12.** Din il-Qorti tosserva li l-vertenza odjerna tinsab regolata b' dak li jghidu l-Artikoli 721 u 726 tal-Kodici Civili, u cioe` li l-proprjeta` ta' legat pur u

[1] Konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Lulju 2006

semplici, bhalma huwa dak in ezami, jghaddi ghand il-legatarju mal-mewt tat-testatur, u li l-legatarju ghandu jitlob il-pussess tal-legat minghand l-eredi.

**13.** Kif ritenut fil-gurisprudenza l-immissjoni fil-pussess tal-legat hija "c-cavetta" tal-istitut kollu. Mal-mewt tat-testatur il-proprjeta` tal-legat pur u semplici tghaddi ghand il-legatarju li minn dak il-mument jiskatta d-dritt tieghu li jikkonsegwixxi l-pussess ta' dak il-legat mill-eredi.[2]

> "Il-ligi tipprovdi li kull legat pur u semplici jaghti lill-legatarju d-dritt li jrcevi l-haga mhollija lilu b'legat.
>
> "Waqt li hu minnu li l-ligi taghti d-dritt lil-legatarju li jigi immess fil-pussess tal-oggett lilu mholli b'legat, dan il-jedd ma jistax jigi interpretat li jfisser li l-proprjeta' ta' dak l-oggett ma tkunx ghaddiet fil-persuna tal-legatarju fil-mument tal-mewt, jew li sakemm issir l-immissjoni fil-pussess, l-oggett legat jibqa' proprjeta' tat-testaturi jew l-aventi kawza minnhom.
>
> "Din l-immissjoni fil-pussess ghandha principalment l-iskop li tistabilixxi defenittivament illi l-legatarju accetta l-legat lilu mholli …. Fil-gurisprudenza l-importanza u l-portata ta' din l-immissjoni hija enfatika u pacifika …."[3]

**14.** Applikat il-premess ghal kaz odjern, jinghad li l-attur dahal fil-proprjeta` tal-legat mholli lilu minn missieru fid-data tal-mewt tieghu, u minn dakinhar, huwa akkwista bil-ligi d-dritt li jottjeni l-pussess tal-legat billi jitlob lil hutu l-ko-eredi l-ohra jimmittuh fil-pussess. Ghalhekk din il-Qorti tosserva li l-Artikolu

---

[2] Ara fost ohrajn: ***PA [TM] Rev.Frangisk Azzopardi v. Hilda Cauchi***, 14/10/2004;
[3] ***App.Civ. Maurice Busuttil v. Joseph Meli*** [1998] Vol.LXXXII.II.674

491 li fuqu l-konvenuta qed tibbaza l-appell taghha huwa inapplikabbli u rrelevanti fil-kaz odjern, ghax d-dritt tal-immissjoni fil-pussess moghti lill-legatarju bil-ligi huwa estranju ghal u mhuwiex dipendenti fuq il-fatt jekk l-ko-eredi kienux qasmu l-assi ereditarji *in toto* jew *in parte*. Ghalhekk l-okkupazzjoni tal-fond *de quo* da parti tal-konvenuta huwa wiehed abbuziv u jilledi d-drittijiet tal-atturi.

**15.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fieragh u nfondat.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet fuq indikati, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza, b'dan li l-perjodu ta' tliet xhur fissat mill-ewwel Qorti ghall-izgumbrament tal-konvenuta mill-fond *de quo*, qed jigi ridott <u>ghal xahar</u>, tenut kont tal-fatt li tul il-proceduri odjerni li jirrizalu ghas-sena 2009 il-konvenuta baqghet tokkupa l-fond u tippriva lill-attur mid-drittijiet tieghu fuq l-istess.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuta.

Inoltre, tenut kont li l-appell huwa wiehed altament frivolu tikkundanna lill-istess konvenuta ghal hlas tal-ispejjez doppji a tenur tal-Artikolu 223[4] tal-Kap.12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------